**L-imhabba kollox**

Jiktbu kemm jiktbu fuqha
Jibqgħu jduru għax-xejn xejn,
Min ifisser l-imħabba
Imbilli għandu l-għajnejn?

L-imħabba hi wisq kbira
Biex tfissirha f'żewg kelmiet,
L-imħabba bil-wisq umli
Ma tħobbhomx il-podjijiet.

L-imħabba togħxa, tisker
F'min mhux moħli fit-tlablib,
L-imħabba l-ewwel waħda
Li toħroġ terfa’ s-salib.

Qawwietha wisq setgħana
Ma tridx fanfarunati,
Hi biss tibqa' preżenti
Hekk kif jgħibu x-xalati.

L-imħabba tkun trid tiskot
Ixxammar dlonk idejha,
Dlonk tara x'tista' tagħmel
Tmur b'qalbha u b’riglejha.

L-imħabba m'għandhiex x'tifhem
Trid dejjem tghożż u tmexxi,
Araha kif fiss tinħeba
Hekk ħaddiehor jirnexxi.

L-imħabba ħlewwa tagħti
Anki fl-eħrex tal-ġlieda,
Mhux ta' b'xejn l-poeti
Rawha tas-Sema t-tieqa.

Imħabba, int ta' kelmtek
Mintix ta' ħorrox borrox,
Agħllimni nilqgħek f'qalbi
Għax int tassew il-kollox.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Frar 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.